Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 6/2015

**Mario Pirotta**
**(appellant)**

**Vs**

**Corintha Constructions (Overseas) Limited**
**(appellata)**

22 ta' Settembru, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' ilment ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali fis-7 ta' Ottubru 2011 l-appellant talab lill-imsemmi Tribunal jiddikjara illi s-soċjetà intimata kisret l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) in kwantu allegatament itterminat b'mod bikri l-kuntratt ta' impieg għal żmien definit li huwa kellu magħha mingħajr ma kkumpensatu skont il-liġi u konsegweentement tillikwida l-kumpens xieraq skond il-liġi.

2. Permezz ta' dikjarazzjoni tal-każ ppreżentata fit-22 ta' Novembru 2011, is-soċjetà intimata wieġbet illi t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu kienet waħda ġustifikata ai termini tal-liġi stante illi skada peress illi l-intimata ma kellhiex aktar involviment fil-proġett li għalih ġie ngaġġat ir-rikorrent, u peress li l-proġett innifsu li għalih r-rikorrent kien qiegħed jippresta s-servizzi tiegħu ma kienx aktar ekonomikament vijabbli.

3. Fl-ewwel udjenza tad-29 ta' Novembru 2011, filwaqt li r-rikorrent iddikjara li qiegħed jibbaża l-ilment tiegħu fuq l-Artikolu 75(1)(b) tal-Kap. 452, l-intimata qajmet eċċezzjoni ulterjuri dwar l-inkompetenza tat-Tribunal biex jisma' l-każ madanakollu din l-eċċezzjoni ġiet irtirata fl-udjenza ta' wara.

4. Permezz ta' nota ppreżentata fid-9 ta' Jannar 2012, ir-rikorrent ippreżenta d-dikjarazzjoni tal-każ tiegħu.

5. It-Tribunal hekk spjega l-provi li ressqu l-partijiet:

> *'Fil-qasir ħafna, jingħad li dan huwa każ li jirrigwarda proġett ġo San Pietruburgu fejn hafna partijiet kienu involuti. L-IHI tal-Corinthia Group ddelegat lill IHI (Benelux) biex tixtri propjeta' fir-Russja, inkluza lukanda u l-binjiet ta' madwarha. L-IHI (Benelux) inkarigat lill-CCOL tal-Corinthia Group ukoll biex timmanigja l-irranġar ta' din il-lukanda; u l-CCOL qabbdet lir-rikorrent biex jissorvelja dan ix-xogħol. Meta l-lukanda ġiet "refurbished" u bdiet topera, il-bini ta' madwarha kien għadu bla użu u ġie deċiż li jinstablu użu, u ċioé jitkabbar l-iSpa eżistenti, jiżdied parkeġġ u jinbnew numru ta' uffiċini. B'hekk ġie ideat dan it-tieni proġett sabiex tintuża l-propjeta' ta' madwar il-lukanda. Għal dan it-tieni proġett il-CCOL ingaġġat lir-rikorrent bħala project-manager u infurmatu li kien ser ikun hemm madwar sentejn xogħol, pero` ma riditx ittih dettalji qabel ma jiffirma l-kuntratt. Skond l-esperjenza li kellu qabel ma' l-istess kumpanija, iż-żmien tal-ingaġġ kien ser ikun ferm itwal, u anke f'dan il-każ kollox instab li kien miexi bil-mod u li l-proġett kien ser jieħu bit-tul ħafna. Mhux kontestat li r-rikorrent bl-ebda mod ma kien jaħti għal dan id-dewmien. Il-kumpanija intimata tgħid li din it-tieni fażi fejn fuq naħa jkun hemm estensjoni tal-iSpa u fuq l-ohra jkun hemm parkeġġ u offiċini, kienet tikkonċerna żvilupp li kien ser iservi ta' investiment li kellu jiffinanzja lilu nnifsu; iżda meta instab li l-binja tal-parkeġġ u offiċini kellhom jitnaqqsulha diversi sulari u instab ukoll li l-parti kollha ta' quddiem ma setgħetx tintmiss minħabba l-valur storiku tal-binja, b'dak li seta' isir ma kienx ser jiffinanzja l-proġett, u ma baqax jagħmel sens kummerċjali li jsir il-proġett maħsub, u waqaf kollox, inkluż li ġie terminat l-ingaġġ tar-rikorrent. Ir-rikorrent isostni li l-problemi msemmija setgħu issolvew b'modifikazzjonijiet żgħar, pero` xorta twaqqaf kollox, anke l-iSpa li ma kellhiex probelmi. Il-kumpanija intimata tghid li l-iżvilupp tal-iSpa kien żgħir wisq biex iżomm dawk in-nies kollha għaliha biss, u kien ghalħekk li ma tkomplietx.'*

6. B' deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Frar 2015 it-Tribunal qata' l-każ billi:

> *'.... jiddeċiedi li l-kuntratt ta' impieg tar-rikorrent kien għal xogħol definit u ġie terminat qabel ma' dak ix-xogħol ġie kompletat, u allura r-rikorrent huwa intitolat li jiġi kkumpensat. Ġialadarba r-rikorrent jiżbanka s-somma ta' ċirca tmintax–il elf Euro depożitata mil-kumpanija hawn intimata, ir-rikorrent xorta jkun għad irid jiġi kkumpensat ulterjorment kif spjegat aktar 'il fuq, u għaldaqstant qed tordna lis-soċjeta` Corinthia Construction (Overseas) Limited tħallas ulterjorment lill-Perit Mario Pirotta s-somma likwidata minn dan it-Tribunal Industrijali ta' għaxart elef Euro (€10,000.00) fi żmien ħamsa u għoxrin jum mill-lum. Għall-finijiet tal-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disgħin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.'*

7. Id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet imsejjsa fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*'Dan it-Tribunal, għalkemm jifhem ir-rabja tar-rikorrent għaliex filli qed jikkalkola li fadallu bi tliet snin xogħol u filli qalulu li spiċċa kollox, jifhem ukoll lis-socjetà intimata li l-impieg tar-rikorrent itterminatu għaliex min ingaġġaha (l-IHI Benelux) itterminatilha l-inkarigu tagħha, u kien inutli żżomm lir-rikorrent impjegat magħha ma jagħmel xejn; u jifhem lis-socjetà IHI Benelux li wara sentejn ta' ħidma u ħlasijiet lill-konsulenti (minn April 2009 sa' Mejju 2011), id-deċiżjoni li twaqqaf kollox (u allura tkun ħallset dawk il-flejjes kollha għalxejn) ma setgħetx teħodha b'kapriċċ.*

*Għalhekk dan it-Tribunal ma jaqbilx mar-Rikorrent li kien hemm intenzjonijiet ħżiena fit-twaqqif tal-impieg tiegħu. Fis-Sottomissjonijiet tiegħu, ir-Rikorrent jargumenta li l-liġi tipprovdi li f'każijiet ta' kuntratti definittivi min jitwaqqaflu l-impieg għandu dritt għal nofs il-paga li kien ser jirċievi kieku baqa' fl-impieg; jgħid li f'dan il-każ, il-klawsola fil-kuntratt tar-rikorrent li tgħid li huwa intitolat għal tliet xhur paga hija inqas favorevoli minn dak li tipprovdi l-liġi u allura hija invalida. It-Tribunal anqas ma' dan l-argument ma jaqbel għaliex Artikolu 36 subinċiż (11) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li:*

*"Prinċipal li jibghat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem."*

*Igifieri l-argument tar-rikorrent kien ikun ireġi biss kieku fil-kuntratt kien espressament miftihem żmien partikolari ta' impieg; pero' f'dan il-każ il-kuntratt in kwistjoni ma jispeċifika ebda tul ta' żmien b'mod espress. Iż-żmien ma jistax ikun impliċitu jew assunt biex dan il-provvediment tal-liġi jkun japplika. Mill-banda l-oħra dan it-Tribunal jikkonċedi li l-liġi hija silenzjuza dwar terminazzjoni ta' kuntratti definiti marbuta ma' biċċa xogħol, u għalhekk ikun mistenni li t-Tribunal Industrijali juża d-diskrezzjoni tiegħu biex fiċ-ċirkostanzi kollha ta' każ hekk tinħoloq ġustizzja ma' min ikun ippjana ħajtu skond impieg li jkollu, imbagħad dak l-impieg f'daqqa waħda jiġi terminat. Fil-każ odjern ir-rikorrent ħaseb f'din l-eventwalita' u talab li jiġi speċifikat kumpens ekwivalenti għal sitt xhur paga. La darba dak iż-żmien ir-rikorrent kien qed iqis kumpens ta' 6 xhur bħala gust, u la darba din il-klawsola ddaħħlet, ir-rikorrent ċertament ma jistax jippretendi kumpens aktar milli hu stess kien ikkonsidra bħala ġust, u ċioe` iktar minn sitt xhur paga.*

*Dan it-Tribunal ma jistax jindaħal fil-ħlas tat-tmintax-il elf Euro (€18,000) għaliex l-obbligu ta' dak il-ħlas huwa wieħed kontrattwali u allura mhux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Jidher ċar li dik is-somma hija kontrattwalment dovuta mis-socjeta' Corinthia Constructions (Overseas) Limited lill-perit Mario Pirotta, u għalhekk sta għall-perit Pirotta li jiżbanka dan l-ammont li ġie depożitat fil-Qorti.*

*Jibqa' għalhekk li jiġi deċiż jekk dik is-somma hijiex kumpens ekwu u ġust fiċ-ċirkostanza ta' twaqqif ta' impieg ħesrem, bħal fil-każ odjern, fejn il-ħajja ta' bniedem tiġi mqallba. It-Tribunal jinnota li oriġinarjament ir-rikorrent kellu f'moħħu li se jiġi impjegat sentejn u allura sa Novembru 2011 (u cioe' 6 xhur iktar milli fil-fatt ħadem); imbagħad f'Novembru sab projections*

*magħmula minn ħaddiehor li juru li l-progett kien fadallu 32 xahar ieħor (sa Lulju 2012 (u ċioe' 14 –il xahar iktar milli fil-fatt ħadem); imbagħad xi żmien wara huwa għamel rapport fejn ikkalkola li l-proġett kellu mill-inqas sa' April 2012 (u ċioe` 11 –il xahar iktar milli fil-fatt ħadem). Iġifieri kieku kellha tiġi applikata r-regola tal-ħlas ta' nofs il-paga għaż-żmien li jkun fadal, f'dawn it-tliet sitwazzjonijiet kienet tkun dovuta paga ta' 3 xhur, jew paga ta' 7 xhur jew paga ta' 5 xhur u nofs. Bil-klawsola ta' kumpens ta' 3 xhur, ir-rikorrent kien ikun sodisfatt kieku fil-kuntratt tniżżel li dan kien impieg għal-perijodu ta' sentejn, pero lejn l-aħħar ir-rikorrent kien aktar qed jipprospetta li fadallu jaħdem minimu ta' 11 –il xahar. Meta t-Tribunal iqis li l-proġett u l-impieg tar-rikorrent waqaf l-aktar minħabba l-problema tal-height limitation tal-proġett, liema problema kienet ġia' tirriżulta mill-monthly report ta' Ġunju 2010, u jqis ukoll li jidher li l-konsulenti Russi ħadu wisq fit-tul biex jaslu għal konklużjoni li ma kellhomx soluzzjoni, it-Tribunal iħoss li l-kumpanija intimata messha kienet aktar riġida mal-esperti u kuntratturi kkontrattati minnha, u setgħet kienet aktar trasparenti mar-rikorrent fis-sens li tavżah li jekk dawk il-problemi ma jissolvewx l-impieg tiegħu kien ser ikun fil-perikolu. B'hekk ir-rikorrent kien ikollu aktar żmien jipprepara ruħu għall-eventwali terminazzjoni tal-impieg tiegħu, kif fil-fatt ġara.*

*Għalhekk dan it-Tribunal jasal għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ir-rikorrent kien jimmeritah kumpens, kif wara kollox kienu qablu mill-bidu nett ir-rapprezentanti tas-soċjeta' intimata, imma arbitrio boni viri dan għandu jkun fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf Euro (€28,000.00). Peress li r-rikorrent għandu diġa' ddepożitat favur tiegħu l-ammont ta' ċirca tmintax-il elf Euro (€18,000) fil-Qorti, dan it-Tribunal ser ikun qed jordna kumpens li jirrapprezenta l-bilanċ fuq is-somma likwidata arbitrio boni viri.'*

8. Illi minn din is-sentenza appella r-rikorrent Mario Pirotta fis-27 ta' Frar 2015. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:
    a. Id-deċiżjoni tal-Prim' Istanza fejn, minkejja li sabet li l-esponent kien impjegat b' xogħol definit li ġie terminat qabel ma' x-xogħol kien kompletat, ikkonkludiet li l-artikolu 36(11) ma jistax japplika għall-każ odjern, għaliex ma kienx espressament miftiehem iż-żmien li kien għad fadal, hija erronja. Skont l-appellant, terminu ta' żmien jista' jkun espress anke permezz ta' *event*, kundizzjoni jew fatt oġġettiv ieħor; il-kunċett ta' *redundancy* ma teżistix f'kuntratti t'impieg għal perjodu definit; it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti kienet voluta; u fi kwalsiasi każ, huwa ġie impjegat fuq żewġ proġetti u jekk waħda ma baqgħetx fattibbli l-oħra ma kellha l-ebda kwistjoni;

    b. It-Tribunal kellu jistabbilixxi ż-żmien li kien għad fadal.

9. Illi permezz ta' rikors ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2016 is-soċjetà appellata talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tippreżenta risposta bil-miktub għall-appell

ta' Mario Pirotta u tinterponi l-appell inċidentali tagħha mis-sentenza appellata minkejja li kien għadda t-terminu prevvist mil-liġi biex tagħmel dan. L-appellant oġġezzjona u b'deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Lulju 2016 din it-talba ġiet miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju.**

10. Illi permezz tal-ewwel agrravju tiegħu Mario Pirotta jilmenta illi d-deċiżjoni tat-Tribunal, minkejja li sabet li l-esponent kien impjegat b' xogħol definit li ġie terminat qabel ma' x-xogħol kien kompletat, ikkonkludiet li l-artikolu 36(11) ma jistax japplika għall-każ odjern għaliex ma kienx espressament miftiehem iż-żmien li kien għad fadal, hi żbaljata.

11. Illi l-kuntratt t'impieg tal-appellant a fol. 46 tal-proċess kien jipprovdi kif ġej:

*'1.* ***Position***

*The Company offers and the Employee accepts the position of Project Manager for the design and works associated with redevelopment of the current spa plus adjacent areas and terraces, as well as the partial demolition and reconstruction of Building 6 into offices, car park, etc. Which will form part of the developments that have and are taking place in Buildings 55 and 57A, which the latter includes the Corinthia Holtel, St Petersburg, in the Russian Federation, hereinafter referred to as the "Project" ...*

*These duties include, but are not limited to the following:*

*a) ... provide the Company with his technical (architectural, structural and civil) comments on these drawings before they are issued for tender and subsequently for construction.*

*b) During the pre-contract and post-contract stages ... provide Project Management and related services and during the installation of the Works the employee will supervise and monitor the Works ...*

*c) During the course of the Works, the Employee ... would issue snag lists, at least on a monthly basis, to the Contractor/s for the rectification of Works.*

*d) .... assist the Cost Manager from a technical perspective ...*

*e) ... decide on the Programme of Works ... and follow up such programme.*

f) *... manage Engineers to ensure proper co-ordination and installation of the works.*

g) *... submit a monthly progress report to the Company highlighting quality of works, progress and potential risks and/or future difficulties.*

h) *... manage the handing over procedures, checking that the works conform to the design parameters, and advise the Company accordingly.*

2. ***Duration of Contract***

a) *The Contract of Employment shall commence on 1st November 2009 and continue until the Employee's services related to the Project have been completed.* ***In the event that, through no fault of the Employee, this contract is terminated prior to the practical completion of the Project, then the Employee shall be entitled to receive a termination benefit equivalent to three months net salary.****'*

12. Illi l-ewwel sentenza taħt l-intestatura '*duration of contract' supra* ċitata tipprovdi li l-kuntratt jintemm la darba ***'employee's services related to the Project'*** jitlestew. Moqrija waħidha, din is-sentenza tista' tinftiehem illi l-kundizzjoni jew l-avveniment li jġib miegħu t-tmiem tal-kuntratt huwa t-tlestija tas-servizzi tal-impjegat relatati mal-proġett u mhux it-tlestija tal-proġett innifsu.

13. Madanakollu il-qorti hi tal-fehma li l-ewwel sentenza taħt l-intestatura '*duration of contract'* ma tistax tinqara waħedha. It-tieni sentenza tipprovdi li jekk il-kuntratt ta' impieg jiġi tterminat qabel il-'*practical completion'* tal-proġett u mingħajr ħtija tal-impjegat, **ikun intitolat għal *termination benefit* ekwivalenti għal tlett xhur salarju nett**.

14. Minn qari tal-assjem ta' dawn iż-żewġ sentenzi jidher li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-impieg tal-appellant kellu jdum sakemm il-proġett jasal fi stadju ta' *practical completion*

15. Din il Qorti se tgħaddi għalhekk biex tevalwa jekk l-artikolu 36(11) għandux japplika għall-appellant fil-kuntest tal-fatt li t-terminu tad-durata tal-kuntratt in kwistjoni ma ġiex stabbilit f'terminu ta' xhur jew snin iżda kien marbut ma avveniment speċifiku. Jibda biex jingħad li l-liġi tikkontempla żewġ tipi ta' kuntratti ta' impieg, u ċjoe' *fixed term contract* u *indefinite term contract*.

16. L-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 jipprovdi li:

> *'Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat **qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz**, ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.'*

17. It-Tribunal interpreta dan l-artikolu kif ġej:

> *'Iġifieri l-argument tar-rikorrent kien ikun ireġi biss kieku fil-kuntratt kien espressament miftihem żmien partikolari ta' impieg; pero' f'dan il-każ il-kuntratt in kwistjoni ma jispeċifika ebda tul ta' żmien b'mod espress. Iż-żmien ma jistax ikun impliċitu jew assunt biex dan il-provvediment tal-liġi jkun japplika.'*

18. Iżda skont l-appellant, m'hemm xejn x'iżomm il-partijiet milli jiftehmu żmien b'riferenza għall-kundizzjoni jew avveniment oġġettiv u determinabbli. Fin-nota ta' sottomissjonijiet stess is-soċjeta appellata argumentat li n-natura tal-kuntratt kienet ta' *fixed term contract*. F'dan ir-rigward għamlet riferenza għar-regolament 2 tal-Avviż Legali 51 tal-2007 (Regolamenti dwar Kuntratti ta' Serviżż għal Terminu ta' Żmien Fiss)[1], li jipprovdi:

> *"kuntratti ta' servizz maqbul bejn il-prinċipal u l-impjegat li fihom it-tmiem tal-kuntratt jiġi determinat meta tintlaħaq data speċifika, meta tintemm biċċa xogħol speċifika jew meta jiġri xi avveniment speċifiku".*

L-appellata argumentat:

> *"36. Illi l-kuntratt ta' impieg tar-rikorrent mas-soċjeta esponenti, filwaqt illi ma jinkludix data speċifika għat-tmiem tal-istess, madankollu jindika b'mod ċar illi t-tmiem ta' dan l-impieg iseħħ meta 'the Employee's services related to the Project have been completed" u konsegwentement ai termini tal-liġi, in-natura tal-kuntratt ta' impieg tar-rikorrent mas-soċjeta esponenti huwa wieħed għal terminu fiss".*

19. Mela kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li l-kuntratt ta' impieg tal-appellant kien għal terminu fiss. Il-qorti taqbel ma' din il-posizzjoni iktar u iktar meta tqies ir-regolament li rreferiet għalih l-appellata.

20. Ladarba huwa paċifiku bejn il-partijiet li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-proġett ma kinitx ħtija tal-appellant, mhemmx skop sabiex din il-qorti tiddeċiedi dwar min jaħti o meno għaċ-ċirkostanzi li wasslu lill-klijent tagħha, International Hotels Investments (Benelux) B.V., li hija parti mill-istess gupp ta' kumpanniji tal-appellata u proprjetà tal-istess *ultimate beneficial owners*, biex tieħu d-deċiżjoni li twaqqaf il-proġett ħesrem.

---

[1] Leġislazzjoni Sussidjarja 452.81.

21. Stabbilit li ma kien hemm l-ebda raġuni tajba u biżżejjed a tenur tal-Artikolu 36(14) tal-Kap. 452 sabiex jintemm il-kuntratt definit t'impieg tal-appellat qabel iż-żmien, isegwi għalhekk li japplika subinċiż (11) tal-istess disposizzjoni.

22. F'każ bħal dan, fejn hemm diskrepanza bejn dak li jipprovdi l-kuntratt ta' impieg u dak li trid il-liġi, japplika l-Artikolu 42 tal-Kap. 452 li:

> *'42. Jekk mhux f'każ kif provdut xort'oħra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-prinċipal tiegħu jew ftehim kollettiv bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti magħrufin tal-union, jipprovdi għal xi kondizzjoni ta' impieg, inklużi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli għall-impjegat minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att, dawn għandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli għall-impjegat kien hemm imdaħħla l-kondizzjonijiet speċifikati fi jew taħt dan l-Att:*
>
> *Iżda, f'każijiet eċċezzjonali, il-prinċipal jista', bi ftehim mal-impjegat jew ma r-rappreżentant tal-union, jipprovdi kondizzjonijiet ta' impieg differenti minn dawk speċifikati fi jew skont dan l-Att, sakemm dan il-ftehim ikun bħala miżura temporanja biex jiġu evitati redundancies u sakemm il-ftehim jiġi approvat mid-Direttur, liema approvazzjoni għandha tiġi riveduta kull erba' ġimgħat.'*

23. Fil-każ odjern ma tirriżulta l-ebda ċirkostanza eċċezzjonali approvata mid-Direttur li tiġġustifika ħlas differenti minn dik stabbilita fil-liġi għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant qabel iż-żmien. Isegwi għalhekk li għandu japplika l-artikolu l-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452.

24. Għaldaqstant, l-aggravju hu milqugħ.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

25. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jilmenta li t-Tribunal kellu jistabbilixxi ż-żmien li kien għad fadal skont il-ftehim espress mill-partijiet. Skont l-appellant dan l-eżerċizzju kien wieħed *ongoing,* li kien qiegħed isir kull xahar, anke tramite r-rapporti mensili li l-esponenti kellhu jaħti lill-prinċipal tiegħu.

26. Għal dawk li huma fatti:

- il-kuntratt t'impieg tal-appellant daħal fis-seħħ **fl-1 ta' Novembru 2009**;[2]

[2] **Dok GB 8** a fol. 46

- l-istess kuntratt ġie tterminat mis-soċjetà appellata b'effett **mill-31 ta' Mejju 2011**[3] minħabba '*change of circumstances relating to the project'* li wassal għall-impieg tiegħu bħala *Project Management Services;*
- meta l-appellant iffirma l-kuntratt kien ġie nfurmat minn Gerald Borg li ix-xogħol ma kellux idum aktar minn sentejn,[4] ossija sitt xhur aktar milli dam impjegat l-appellant;
- xi żmien wara huwa għamel rapport fejn ikkalkola li l-progett kellu mill-inqas **sa April 2012**;[5]
- il-proġett waqaf *at design stage* meta International Hotels Investments (Benelux) B.V. ġiet infurmata li l-awtoritajiet Russi ma kienux se japprovaw il-pjanti oriġinali u kieku kellhom isiru l-bidliet neċessarji sabiex jinħarġu l-permessi neċessarji, il-proġett ma kienx se jkun ekonomikament vijabbli.

27. Skont is-soċjeta appellata, *"... it-terminu tal-kuntratt ta' impieg mhuwiex iż-żmien meħtieġ biex jitlesta il-proġett, imma huwa marbut mal-għoti tas-servizzi tar-rikorrent in konnessjoni mal-proġett.... Għalhekk it-terminu ma jikkonsistix fiż-żmien meħtieġ sabiex jiġi kompletat il-proġett, iżda huwa t-terminu sakemm ir-rikorrent jibqa' jagħti s-servizzi tiegħu lill-proġett. Dan ifisser illi t-terminu jiskadi malli r-rikorrent mhuwiex f'posizzjoni jagħti aktar is-servizzi tiegħu lill-proġett u/jew meta ma hemmx aktar servizzi illi l-istess rikorrent jista' jagħti lill-proġett"*.

28. Il-qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament. Hu evidenti li l-appellata qegħda tipprova tinterpreta klawżola 2 bil-mod li jaqbel lilha, u li fil-fehma tal-qorti ma tirriflettix il-*buona fede* li bihom għandhom jiġu eżegwiti l-kuntratt. Għall-qorti mhemmx dubju li l-imsemmija klawżola kienet qegħda tikkontempla l-każ li l-impieg tal-appellant ikompli sakemm jaqdi d-dmiriijet tiegħu ta' *project manager*. Dmirijiet li huma elenkati fil-kuntratt ta' impieg, u kif diġa osserva jidher li għallinqas kellhom iwasslu żgur sal-*practical completion* tal-proġett. Għalhekk l-impieg tal-appellant kien intenzjonat li jdum sa perjodu ferm avvanżat tal-proġett.

29. Il-proġett ma sarx. Għalhekk irid jiġi determinat il-perjodu tal-impieg.

30. Għalkemm dan il-proġett waqaf *at design* stage, **il-kuntratt ta' impieg tal-appellant kien oriġinarjament mistenni li jiġi kompletat f'April 2012**,

[3] **Dok GB 10** a fol. 58
[4] Fol. 435
[5] **Dok GB 11** a fol. 60 *et seq.*

ċioe` 11–il xahar iktar milli fil-fatt ħadem l-appellant. Il-Qorti għalhekk tistabbilixxi din id-data għall-finijiet u effetti tal-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452.

31. Konsegwentement, ladarba l-impieg tal-appellant ġiet tterminat fil-31 ta' Mejju, 2011, skont l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 kienet dovuta lilu l-paga ta' ħames xhur u nofs, ossija, nofs il-paga għaż-żmien rimanenti li tammonta għas-somma ta' tlieta u tletin elf Ewro (€33,000)[6].

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tirriforma s-sentenza appellata tas-17 ta' Frar 2015 bin-numru u fl-ismijiet premessi billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet li l-appellant kien impjegat għal xogħol definit u l-impieg ġie terminat qabel ma dak ix-xogħol ġie kompletat, tħassarha mill-bqija u tipprovdi billi tiddikjara li l-kumpens dovut a tenur tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 fl-ammont globali ta' tlieta u tletin elf ewro (€33,000) li fihom hemm inkluż is-somma ta' €18,000 li l-appellata iddepożitat fil-qorti. Għaldaqstant, tikkundanna lill-appellata tħallas lill-appellant is-somma ta' tlieta u tletin elf ewro (€33,000), bl-ispejjeż kollha a karigu tas-soċjetà appellata.**

**Għal kull buon fini l-appellant qiegħed minn issa jiġi awtoriżżat sabiex jirtira s-somma li l-appellata kienet iddepożitat permezz taċ-ċedola ta' depożitu 1599/2011 u dan bħala ħlas akkont ta' dak li hu dovut.**

Anthony Ellul.

[6] Skont il-kuntratt ta' impieg, l-appellant kellu salarju nett ta' €6,000 għal kull xahar.